TAKING GENDER EQUALITY TO LOCAL COMMUNITIES

(co-funded by the Community Framework Strategy on Gender Equality 2001-2005)

# PUBBLIĊITA`

Bil-media għandna nxerrdu l-ugwaljanza;
lis-sessi nittrattaw bid-dinjita`.
Ma nxerrdu qatt xi diskriminazzjoni.
Nużaw għat-tajjeb il-pubbliċita`.

Kemm hi mportanti l-media fuq ħajjitna
b'tagħrif informattiv minn kullimkien
gażżetti, radjijiet u t-televixin
iwasslu l-aħħar ġrajja bla dewmien.

**REF:** Il-media meżż biex nużawh biss favur il-bniedem
b'mod dinjituż u xorta nqanqlu l-interess,
u f'xi reklam m'hemmx bżonn ta' mara seduċenti,
xi raġel muskolat, inkella ndaħħlu s-sess.

Il-bniedem mhux oġġett biex jiġbed l-attenzjoni.
Ħadd minna m'hu prodott, inkella jkun użat.
Dal-mezz fejjied nużawh b'messaġġi pożittivi,
sabiex nitgħallmu lkoll u naqsmu l-ideat.

Bżonnjuża bħala meżż t'edukazzjoni,
divertiment fil-kreattivita`.
Meħtieġa wkoll fl-isfera tan-negozju
biex jagħtu wkoll lis-suq pubbliċita`.

**REF:** Il-media mezz biex nużawh biss favur il-bniedem
eċċ...

**BRIDGE:** Il-mudelli tar-reklam bħal manikini.
Jekk figurtek mhix l-istess mhux falliment.
Tiffissax biex timitahom b'xi dieti stretti,
għax iġġib l-inkwiet b'idejk intortament.

TAKING GENDER EQUALITY
TO LOCAL COMMUNITIES

(co-funded by the Community Framework Strategy on Gender Equality 2001-2005)

**REF:** Il-media mezz biex nużawh biss favur il-bniedem eċċ...

joe julian farrugia